*-verżjonijiet konfliġġenti*

*- kwalita` pattuwita*

*-nuqqas li jsir depożitu fil-Qorti tal-ħaġa li dwarha jsir ilment*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 20 ta' Mejju, 2021.**

**Rikors Nru. 150/2017 GM**

**Anthony Zammit ID 0068071M**

**vs**

**Patrick Cauchi ID 0630461M**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta illi :

> Fl-2015, biegħ u kkonsenja magna, ossija *Xcentric Ripper XR20,* li tintuża' fil-qasam tal-kostruzzjoni, senjatament għall-finijiet ta' tqattigħ ta' blat, lill-konvenut, għall-prezz ta' €32,450.00, inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud.
>
> Minkejja li l-konvenut ħallsu s-somma ta' €16,208.00, rappreżentanti parti mill-prezz tal-bejgħ u tal-konsenja hawn fuq

indikata, l-istess konvenut naqas milli jħallas il-bilanċ tal-prezz li għadu dovut lill-attur fis-somma ta' €16,242.00.

Għalkemm il-konvenut ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali tas-26 ta' Lulju 2016 (**DOK: A**), ossija ittra uffiċjali numru 2495/2016, sabiex huwa jersaq għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-bejgħ u tal-konsenja hawn fuq indikata, fl-ammont ta' €16,242.00, l-istess konvenut baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

**I.** TIDDIKJARA li l-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' €16,242.00, oltre l-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta' Lulju 2016 sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti l-bilanċ tal-prezz tal-magna, ossija *Xcentric Ripper XR20*, li ġiet mibjugħa u kkonsenjata lill-istess konvenut mill-attur kif hawn fuq spjegat.

**II.** TIKKUNDANNA lill-konvenut sabiex iħallas, lill-attur, is-somma ta' €16,242.00, oltre l-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta' Lulju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Lulju 2016, ossija ittra uffiċjali numru 2495/2016.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. L-insostenibilita' tal-azzjoni odjerna stante li hija kkampata fuq premessi inveritieri peress li ma huwiex minnu li tħallas biss €16,208 kif jingħad fir-rikors promotur iżda l-ammont ta' €23,500. Dana kif jirriżulta ampjament mill-korrispondenza skambjati Dok A u B.
2. L-ammont pretiż ma huwiex dovut mill-eċċipjenti.
3. L-esponenti qiegħed jipprevalixxi ruħu minn din l-istanza sabiex jintavola kontro-talba a tenur ta' artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Għalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha wara li ppremetta illi:

F'Ġunju 2015 xtara u akkwista mingħand l-intimat Anthony Zammit makkinarju ossija *Ecentric Ripper XR 20* għall-prezz ta' €23,500 liema prezz tħallas kollu.

L-imsemmi makkinarju ma huwiex tal-kwalita' pattwita stante li apparti li ma jħaffirx kif suppost ma jistax jintuża' fil-bini stante li jikkawża vibrazzjonijiet kbar u konsegwenti danni lill-proprjeta` viċina.

Meta nxtara dan il-makkinarju l-intimat kien assigura lill-esponenti li dan il-makkinarju jqatta' volum hafna aktar minn jack-hammer konvenzjonali u di piu` ma jagħmilx vibrazzjonijiet li jistgħu jikkawżaw danni lill-proprjeta' fil-viċin, kif ukoll ma jikkawżax inkonvenjent kif jikkawża jack-hammer konvenzjonali.

Dan assolutament ma huwiex il-każ.

L-esponenti interpella lill-intimat sabiex jirexxindi l-bejgħ u jirrifondih il-prezz minnu mħallas iżda baqa' inadempjenti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-makkinarju, ossija Xcentric Ripper XR 20 ma hijiex tal-kwalita' patwita.
2. Tiddikjara l-bejgh tal-makkinarju msemmi rexiss.
3. Tikkundanna lill-intimat jirrifondi l-prezz minnu riċevut.

Bl-ispejjez tal-preżenti u taċ-ċedola ta' depożitu ppreżentat kontestwalment kontra r-rikorrenti rikonvenzjonat u bl-imgħax mid-data tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Awwissu 2016.

Rat ir-risposta ġuramentata għall-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha l-attur eċċepixxa illi:

1. It-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant kif dedotti fil-kontro-talba tieghu huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, billi m'huwiex minnu l-makkinarju li gie mibjugħ mill-esponent lill-istess konvenut rikonvenzjonant, ossija *Xcentric Ripper XR 2G,* ma kienx tal-kwalita' patwita, u konsegwentement m'hemm l-ebda lok ghar-rexxissjoni tal-bejgh u ghar-rifuzjoni tal-prezz ricevut mill-esponent.

2. M'huwiex minnu l-prezz tal-bejgh in kwistjoni kien dak ta' €23,500.00, kif allegat mill-konvenut rikonvenzjonant fil-kontro-talba tieghu, liema prezz kien, fil-fatt, dak ta' €32,450.00, inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud, li minnhom l-esponent tħallas biss €16,208.00, u għalhekk fadallu jitħallas €16,242.00 mingħand il-konvenut rikonvenzjonant, u dan kif premess fir-rikors ġuramentat promutorju tal-istess esponent, u kif ser jirriżulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Dak kollu allegat mill-konvenut rikonvenzjonat, inkluż, iżda mhux biss, dak li gie premess fit-tielet paragrafu tal-kontro-talba tiegħu, għandu jiġi debitament ippruvati mill-istess konvenut rikonvenzjonant skont il-liġi, inkluż, fost oħrajn, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. It-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant kif dedotti fil-kontro-talba tiegħu huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**It-tilwima:**

Din hija kawża li permezz tagħha l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ ta' prezz ta' makkinarju tat-tqattigħ tal-blat mibjugħ u kkunsinnat lill-konvenut. Il-konvenut eċċepixxa li ma huwiex minnu li tħallas biss €16,208 kif jingħad fir-rikors promotur iżda l-ammont ta' €23,500. Ippreżenta kontro-talba li permezz tagħha talab ir-rexxissjoni tal-bejgħ billi l-makkinarju mhuwiex tal-kwalita` pattuwita, minħabba li meta sar ix-xiri l-attur assikura lill-konvenut li l-makkinarju jqatta' ħafna iktar minn jack-hammer konvenzjonali u ma jagħmilx vibrazzjonijiet li jistgħu jikkawżaw danni lill-proprjeta` tal-viċin, kif ukoll ma jikkawżax inkonvenjent kif jikkawża jack-hammer konvenzjonali. L-allegazzjoni tal-kontro-talba ġiet miċħuda mill-attur.

Il-Qorti sejra ssegwi l-ordni loġiku-ġuridiku, billi l-ewwel titratta l-kontro-talba, għaliex jekk jirriżulta li l-bejgħ għandu jiġi rexxis, jiġi fix-xejn il-fundament ġuridiku tat-talba tal-attur għall-ħlas tal-prezz.

**Kwalita` pattuwita:**

**(a)** ***x'kienet il-kwalita` miftiehma***

L-attur huwa *heavy plant machine mechanic* u ilu snin twal jimporta u jbiegħ inġenji kbar relatati mal-industrija tal-kostruzzjoni. Fil-2014 kien ġab Xcentric Ripper XR20, illi rreklamah bħala li jqatta' l-blat b'nuqqas ta' storbju meta mqabbel ma' martell normali u li jqatta' b'mod aktar mgħaġġel mis-sistema tradizzjonali tal-martell. L-attur kien għamel dimostrazzjoni ta' dan ir-ripper lill-kuntratturi ewlenin f'dan il-qasam u ppruvah ġewwa San Ġiljan fuq l-excavator ta' ċertu Marco Camilleri l-Bomber jurih ikissrer blat tal-qawwi. Eventwalment dak ir-ripper kien

xtrah l-Bomber. Il-konvenut ma kienx preżenti għal din id-dimostrazzjoni.

Iben il-konvenut xehed li l-imrietel tradizzjonali li jintużaw fl-industrija huma kawża ta' inkonvenjent li xi drabi jqanqal ilmenti mill-ġirien.

Il-konvenut xehed li l-attur qallu li "jqatta' tliet darbiet daqs martell; iqatta fil-qawwi". Iggarantielu li jista' jaħdem bih fil-bini. "Minn dan ma kien xejn."[1] "Qalli ma tagħmilx storbju; taħdem biha kullimkien.

"Jien taf x'għidtlu?... ġib ir-ripper nipprovaw... u nkunu nafu. Dana ma riedx; għax hu suppost ġabu demonstration l-ewwel wieħed."[2]

L-attur jgħid li kien il-konvenut li avviċinah sabiex jixtri ripper għax sema' li Marco l-Bomber kien xtara wieħed. Jistqarr li l-konvenut kien mgħaġġel biex jixtrih u ried jakkwistah mingħajr ma jitlob informazzjoni dwaru. Pero` huwa kien ikkonvinċieh sabiex imur il-garaxx tiegħu fejn urieh filmat tad-dimostrazzjoni li kien għamel lill-kuntratturi. Għall-kuntrarju, il-konvenut jgħid li kien l-attur ħajru sabiex jixtri dan il-makkinarju saħansitra billi ġieli mar fuq il-lant tax-xogħol fejn kienu jkunu jaħdmu l-konvenut u ibnu u anke ġieli mar id-dar. Kien qallu li r-ripper itella' xogħol tliet darbiet aktar minn martell normali u taħdem bih kullimkien għax ma jagħmilx storbju.

Skont iben il-konvenut il-filmat li wrihom l-attur juri t-tqattigħ tal-blat f'post mhux magħruf u għalhekk seta' kien barra minn Malta. Dan iżda żgur m'huwiex il-każ; fil-filmat jidhru uħud mill-kuntratturi Maltin u Għawdxin li marru jaraw kif jaħdem.[3] Qabel ma nxtara l-makkinarju,

[1] Fol 35
[2] fol 40
[3] Dok JA a fol 326.

iben il-konvenut kien issuġġerixxa li jipprovah fuq l-*highmack* tagħhom għax ma kellhomx pjaċir imorru jippruvawh għand min kien diġa` xtrah (Marco Camilleri l-Bomber) iżda l-attur infurmahom li mhux possibbli. L-attur jispjega li dan ma kienx possibbli għaliex r-ripper ma setax jiġi ppruvat fuq l-inġenji tal-konvenut għax kien hemm bżonn ta' *attachment* li kienet tiswa €4,500 u li hu ma kienx lest li jonfoq dak l-ammont biex l-konvenut ikun jista' jippruvaw fuq l-inġenji tiegħu. L-alternattiva li tahom l-attur kienet biex imorru huma u jaħdmu bil-makkinarju ta' Marco Camilleri ħalli jaraw kif jaħdem. Camilleri ma kellux problema li jsir dan, iżda l-attur u ibnu ma xtaqux jaħdmu fuq lant tax-xogħol ta' xi ħadd ieħor bil-makkinarju ta' xi ħadd ieħor u anke wkoll għax ma kellhomx relazzjoni tajba ma' Camilleri.

Jirriżulta għalhekk li l-ftehim (verbali) kien li r-ripper kellu jkollu tliet kwalitajiet: (i) iqatta' tliet darbiet daqs martell konvenzjonali, (ii) ma jagħmilx ħsara u (iii) ma jagħmilx ħsejjes.

**(b)** ***Jekk ir-ripper kienx tal-kwalita` miftiehma.***

***- il-provi***

M'hemm l-ebda kontestazzjoni illi l-konvenut xtara l-makkinarju in kwistjoni. Kif ġie kkonsenjat, il-konvenut u ibnu marru flimkien mal-attur jippruvawh Ħal Far u bin il-konvenut jgħid li nnota li ma tantx beda iqatta', imma l-attur qallu dak sakemm jidrah. Ħadem ukoll il-ġurnata ta' wara u meta ġie sid il-propjeta` qallu li b'dak li kien qed jaħdem qabel kien aktar *smooth* ix-xogħol u qallu li ħass ħafna vibrazzjonijiet fid-dar tiegħu tant li l-viti tal-plakek inħallu minn posthom.

Minn hemm marru jaħdmu bih in-Naxxar fejn irċivew ħafna ilmenti mingħand għadd ta' ġirien, kif ukoll il-perit Mark Camilleri, li l-konvenut ipproduċa bħala xhieda tiegħu:

- Rita Vella ħasset il-vibrazzjonijiet qawwija tal-makkinarju fid-dar tagħha. Għall-ewwel ħasbet li kien terremot għax l-oġġetti kollha fid-dar bdew jiċċaqalqu. Kellha ħsara fil-pool, inqalgħu xi bibien ukoll bil-vibrazzjonijiet u minnufih marret biex tgħidilhom jieqfu.

- Tiziana Camilleri qalet li tant kien hemm vibrazzjonijiet ġod-dar tagħha li xħin fetħet il-cupboards, waqgħu t-tazzi.

- Neville Borg joqgħod xi ħames jew sitt blokki 'l bogħod minn fejn kien qed isir it-tqattigħ tal-blat. Jgħid illi meta kien għadu barra d-dar ma semax ħsejjes ta' tqattigħ u stagħġeb għax is-soltu jkun hemm ħafna storbju, pero` meta daħal id-dar ħass il-bieb tal-garaxx u l-madum tal-art jiċċaqlaq u d-dar kollha tirtriegħed. Ħareġ minnufih u mar fuq is-sit biex jgħidilhom jieqfu. Konsegwenza ta' hekk kellu konsentura żgħira li ma talabx ħlas ta' danni. Borg jixhed illi l-attur kien mar jiċċekkja fuq il-post. Daħal għandu u meta beda x-xogħol bil-makkinarju kien l-attur stess li waqqaf ix-xogħol minhabba li vera kien hemm ħafna vibrazzjonijiet. Filfatt ix-xogħol ma tkompliex bir-ripper iżda bil-musmar normali.

- Il-Perit Mark Camilleri li huwa l-perit tas-sid fejn kien qiegħed jaħdem il-konvenut xehed illi fuq il-lant tax-xogħol ġewwa n-Naxxar kien hemm ħafna ilmenti ta' inkonvenjent u biża' ta' ħsara minħabba l-vibrazzjonijiet minn nies li joqgħodu fil-viċin. Filfatt

> dan ir-ripper ma tkompliex jitħaddem. Għalkemm kellu jitqatta' xi tmien mitt metru ta' blat tal-franka li mhuwiex blat iebes, ammont żgħir biss laħaq qatta' bir-ripper. Jiftakar li kienu kellmu lill-attur u kien mar fuq il-post u filfatt anke' fuq parir tal-attur ikkonkludew li aħjar jaqilbu għas-sistema tradizzjonali u ma jkomplux jaħdmu bir-ripper.

L-attur, waqt il-kontro-eżami, mistoqsi jekk ġiex imsejjaħ in-Naxxar minħabba ilmenti u jekk daħalx ġod-djar biex jara hemmx vibrazzjonijiet, kien evażiv u wieġeb 'ma nafx' u li n-Naxxar mar biss biex juri kif jaħdem il-makkinarju u ma daħalx fi proprjetajiet tan-nies.

Wara n-Naxxar, il-konvenut ħaddem dan il-makkinarju ġewwa ż-Żurrieq limiti ta' Ħal Far. Ix-xhud Joseph Schembri jgħid illi kien qed isir ix-xogħol ta' tqattigħ tal-blat fuq proprjeta' tiegħu u kienu qed jużaw il-makkinarju in kwistjoni. Jgħid li intuża' għal jumejn biss u nnota li kien jivvijbra pero' ma kienx hemm ilmenti min-nies li joqgħodu fil-viċin. Jispjega illi fuq naħa tal-proprjeta` tiegħu hemm djar imissu miegħu daqs ħamsin pied bogħod minn fejn kien qed isir it-tqattigħ u fuq in-naħa l-oħra m'hemmx.

Skond iben il-konvenut, l-attur kien bagħat jinforma lill-kumpanija li forniet il-makkinarju li kien hemm ilmenti ta' vibrazzjonijiet qawwija u r-risposta lura kienet li mhux problema tar-ripper imma minħabba l-blat li hawn Malta.

Xehed ukoll sid il-kumpanija li nxtara dan il-makkinarju minn għandha - Javier Aracama li hu wkoll direttur tagħha għal dawn l-aħħar tnax-il sena. L-attur huwa r-rappreżentant tiegħu f'Malta. Fl-2014 kien ġie Malta għad-dimostrazzjoni ta' dan ir-ripper u kienu qattgħu l-blat. Waqt id-dimostrazzjoni jgħid illi l-makkinarju ħadem sew u ma kienx hemm

ilmenti minħabba vibrazzjonijiet. Qatt ma rċieva lmenti minn klijenti oħrajn dwar vibrazzjonijiet lanqas minn pajjiżi oħra. Jgħid illi biex tħaddem dan il-makkinarju trid ħila differenti minn li tħaddem *hydraulic breaker* normali. Jgħid illi jiġu ġenerati vibrazzjonijiet għax ir-ripper ikun qed jaħdem mgħaġġel ħafna, jew inkella għax min ikun iħaddmu ma jkunx jaf iħaddmu sew. Jgħid ukoll li qatt ma rċieva lmenti mingħand l-attur li kien hemm xi klijent li kellu problema bil-makkinarju. Iżda meta mistoqsi sabiex ifittex fl-*emails*, sab email mingħand l-attur illi kellu ilmenti li l-makkinarju qed jagħmel ħafna vibrazzjonijiet fid-djar tal-madwar.

Tliet persuni li jużaw l-istess tip ta' makkinarju xehdu li kien wieħed sodisfaċenti, li ma jagħmilx ħsejjes daqs dak tradizzjonali, iżda jagħmel vibrazzjonijiet biss. Ħsarat qatt ma kkawża.[4] Uħud minnhom kellhom ilmenti mingħand il-ġirien, oħrajn le. Minn dawn it-tlieta, wieħed minnhom huwa Marco Camilleri l-Bomber; ieħor li juża' makkinarju tal-istess daqs, u ieħor li juża makkinarju tal-istess tip iżda ferm ikbar biex iqatta' l-blat mal-baħar.

Il-konvenut kien jirreklama l-makkinarju fuq facebook xhur sħaħ wara li kien xtrah.

- ***Evaluwazzjoni tal-provi:***

Hemm provi konfliġġenti dwar jekk ir-ripper kienx tal-kwalita` pattuwita, li l-Qorti stabbiliet x'kienet iktar 'il fuq f'din is-sentenza. Min-naħa l-waħda, il-konvenut jallega li r-ripper, għalkemm ma jagħmilx storbju

[4] Amante Bartolo, Sandro Gatt, Marco Camilleri

bħal martell tradizzjonali, jagħmel vibrazzjonijiet qawwija iktar mill-martell tradizzjonali u ma jqattax tliet darbiet iktar. Min-naħa l-oħra, l-attur jallega li r-ripper kellu l-kwalita` miftiehma.

Billi l-piż tal-prova hu fuq min jallega, huwa l-konvenut-rikonvenzjonant li jrid iġib din il-prova. Dan għamlu permezz tad-depożizzjoni tiegħu, t'ibnu, ta' sid il-post ta' Ħal Far fejn ħadem l-ewwel; u tal-ġirien biswit il-post fejn kien qiegħed jiskava fin-Naxxar li kien it-tieni post fejn ħadem. Din hija l-aħjar prova li l-konvenut seta' jġib dwar jekk it-tħaddim tar-ripper kienx jiddisturba l-ġirien jew le; u minnha jirriżulta bla ebda dubbju li r-ripper, meta ħaddmu fin-Naxxar, ikkawżalhom disturb u allarm tant li kellu jieqaf jaħdem bir-ripper wara ftit tal-ħin u kellu jkompli bil-martell tradizzjonali. Hu u jaħdem b'dan tal-aħħar, ma kellux iktar ilmenti.

Min-naħa tiegħu, l-attur rikonvenzjonat isostni li l-konvenut ma kienx jaf iħaddem sewwa r-ripper. Il-piż ta' din l-allegazzjoni jaqa' fuq l-attur. Din l-allegazzjoni ma ssostanzjahiex bl-aħjar prova, li faċilment setgħet issir billi jħaddem ir-ripper hu, anke tenut kont li għamel kors apposta dwar it-tħaddim tiegħu. Jirriżulta, iżda, li meta ħaddem il-makkinarju huwa stess fuq is-sit, u dan wara l-ilmenti tal-konvenut, ma rnexxilux iħaddmu b'mod aħjar mill-konvenut. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-ġirien – li hija ċertament xhieda indipendenti u li wieħed jista' joqgħod fuqha – li l-attur aċċeda fuq uħud mill-postijiet tagħhom u li waqqaf lill-konvenut milli jkompli juża' r-ripper. Mistoqsi, l-attur kien evażiv dwar jekk aċċediex fuq il-postijiet imsemmija. Dan fil-fehma tal-Qorti jdgħajjef sewwa l-allegazzjoni tiegħu li r-ripper kien jaħdem sewwa u fit-termini tal-ftehim. Ċirkostanza oħra li ddgħajjef il-kredibilita` tal-attur f'dan ir-rigward hi l-korrispondenza elettronika tiegħu datata 12

t'Awwissu 2015 mad-ditta estera li kien xtara r-ripper mingħandha:

*"Av: U tiftakar li dhalt f' binja partikorari li kienet 'il boghod mill-post fejn qed ihaffer meta tghid 'il boghod ifhem hux igifieri mhux tmiss maghha imma ftit 'il boghod iddur f' xi kantuniera tiftakar dhalt f' post ghaliex sid il-post beda igergir tini cans ha nispicca d-domonda mbaghad ghidtilna.*

*Xhud: Sewwa.*

*Av: Ghax is-sid beda igerger li kull m'hemm qed jiccaqlaq u jitrieghed tiftakar?*

*Av: Hu ma riedx jaqta' mit-trancher, u inti mela Patrick beda jhaffer bil-ripper li bighejtlu inti mort f'dil proprjeta` li kienet ftit 'il boghod u naqblu li kien hemm kollox jitrieghed u bghatt lit-tifel jigri u ghedtlu ghidlu jieqaf . Naqblu iva iew le ?*

*Xhud: Ma nafx.*

*Av: Taf ma tiftakarx hu ma tiftakarx.*

*Xhud: Ma nafx li .... ma nafx ma nafx ahjar nghidlek ma nafx*

*Av: Qalulek qallek ejja dan x'beghtli xi hsara qed naghmel lil girien u int ghedtlu ma rridx nigi.*

*Xhud: M'ghedtlux hekk ta .*

*Av: Mela x'ghedtlu .*

*Xhud: Ma nafx x'ghidtlu imma mo nahsibx li ghidtlu hekk ta .*

*Av: Ghidilna x'ghidtlu .*

*Xhud: Ma nafx x'ghidtlu .*

*Av: Xejn ma taf igifieri ktieb m'ghandekx xi flus tak u hallas ghidt ma tafx mortx f' postijiet taf u ma tafx l-unika haga li tiftakar ghidtlu mhux hekk iqatta'*

*??*

*Javier when they're working with the Ripper they're having a lot of*

*complains from the neighbours near the job site. Then they will have to stop working, because they will feel a lot of vibration in their houses.*
*I went personally to check and see in the houses nearby and it was true you'll feel the vibration. You can come and see by yourself. Now the problem is that the last one I sold the client want to give it to me back because he can't work with it anymore.*
*I don't know how I'm going to solve this problem."*

Din il-korrispondenza ssarraf f'ammissjoni extra-ġudizzjarja. Barra minn hekk, li kieku tassew li l-vibrazzjonijiet esaġerati kienu dovuti għan-nuqqas ta' ħila da parti tal-konvenut, l-attur ma kienx ikollu għalfejn jilmenta mad-ditta Spanjola.

In sostenn tad-difiża tiegħu, l-attur ipproduċa x-xhieda ta' żewġ persuni oħra li xtraw ripper simili u persuna li xtrat ripper tal-istess għamla iżda ferm ikbar li iżda jintuża' fuq blat ħdejn u fil-baħar. Din iżda mhix għajr prova ċirkostanzjali li l-Qorti ma tagħtihiex piż daqs il-prova li pproduċa l-konvenut, imsaħħa bl-imsemmija ammissjoni tal-attur. Imbagħad hemm iċ-ċirkostanza l-oħra li l-attur ma rnexxilux ibiegħ iktar rippers matul il-ħames snin li ilha pendenti din il-kawża, minkejja l-għajta tiegħu li tqatta' tliet darbiet iktar blat u la tagħmel ħsejjes u lanqas vibrazzjonijiet. Il-kuntratturi ewlenin ta' dawn il-gżejjer ma tantx jidher li mpressjonathom din it-teknoloġija Spanjola. Lanqas hi kredibbli l-allegazzjoni tal-attur li ma xtrawhiex għax għandha prezz għoli. Il-prezz żgur li kien jinfeda malajr permezz ta' effiċjenza ferm ikbar u inkonvenjent lill-ġirien ferm inqas.

**Il-prezz:**

In vista tal-konklużjoni tal-Qorti dwar il-kwalita` pattuwita, m'hemmx għalfejn tikkonstata kemm kien il-prezz – li wkoll hemm diverbju fuqu bejn il-partijiet kontendenti.

**Il-ħlas li sar akkont jew għas-saldu tal-prezz:**

Skont l-attur, dakinhar li l-konvenut ordna l-makkinarju kien ħallsu €7,500 fi flus kontanti. L-attur jallega illi kien hemm kontijiet pendenti ta' xogħol li kien għamillu qabel u għalhekk €7,292 minn dak l-ammont kienu marru biex jinqatgħu dawk il-kontijiet li kien hemm pendenti bejniethom u l-bilanċ ta' €208 bħala depożitu akkont tal-ordni tal-makkinarju. Aċċetta dan id-depożitu żgħir għax kien ikkuntenta ruħu li l-konvenut ħallas il-pendenzi u jekk fl-aħħar mil-aħħar il-konvenut ma jieħux il-makkinarju meta jasal Malta, ma jkunx hemm flejjes kbar x'iħallas lura lill-konvenut u jkun jista' jbiegħu lil ħaddieħor. Meta l-attur ġie mistoqsi kif kien jaf li baqalu jħallsu għal dejn ieħor, l-attur wieġeb li kellu kollox miktub fuq il-ktieb tax-xogħol. Meta ġie mitlub jippreżenta dan il-ktieb tax-xogħol qal li dan il-ktieb ma jeżistix għax irmieh u żamm biss it-tlett kontijiet li allegatament kienu pendenti għal xi tiswijiet preċedenti u filfatt preżentahom.[5]

Skont l-attur il-prezz miftiehem kellu jitħallas f'żewġt pagamenti, wieħed malli jasal il-makkinarju ġewwa Malta u l-ieħor fi żmien tliet xhur minn meta l-konvenut jirċievi l-konsenja tal-makkinarju u kif jitħallas il-prezz kollu nkluż il-VAT, l-attur jgħaddilu rċevuta. L-attur jgħid li wara li l-makkinarju wasal Malta, il-konvenut mar għalih u għaddielu pagament

[5] Dok AZX1 a fol 221

ta' €12,000 fi flus kontanti.  Wara tliet xhur, il-konvenut għaddielu €4,000 oħra.

Il-verżjoni tal-konvenut hija differenti u jgħid €10,000 depositu qabel ma wasal il-makkinarju Malta. €9,500 malli wasal Malta u €4,000 mal-konsenja tal-makkinarju. Dawn tħallsu kollha fi flus kontanti u rċevuti qatt ma ingħata.

Minkejja li l-partijiet ma jaqblux fuq kemm kien il-prezz tar-ripper, u ma jaqblux dwar in-numru ta' pagamenti li saru ( jekk hux tnejn jew tlieta), u meta saru, jaqblu li b'kollox il-konvenut għadda lill-attur total ta' €23,500.  L-attur iżda jsostni li minn dawn għandhom jitnaqqsu €7,292 li kienu pagament għas-saldu ta' djun preċedenti li l-konvenut kellu miegħu għal prodotti oħra li kien biegħlu.  Issa dwar din l-allegazzjoni, l-attur ma ġiebx l-aħjar prova, li kienet tkun il-kotba tan-negozju tiegħu, anke minkejja li wiegħed li jipproduċihom.  Għalhekk ma tistax tqis din l-allegazzjoni bħala waħda li għandha mis-sewwa.

Huwa minnu li l-konvenut ħallas l-aħħar pagament madwar 3 xhur wara l-kunsinna, u ċjoe` aktarx f'Awwissu 2015 u ddepożita r-ripper fil-Qorti biss kontestwalment mal-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet u kontro-talba tiegħu.  Mistoqsi jgħid l-għala ħallas minkejja li kien qiegħed jallega n-nuqqas ta' kwalita` pattuwita, wieġeb li l-attur kien jgħidlu li ma kienx jaf iħaddem ir-ripper.  Allegazzjoni li tabilħaqq, l-attur baqa' jagħmel anke fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża.  Ma jistax jingħad li l-konvenut ġie li tilef il-beneficcju tad-dritt ta' azzjoni fuq dik il-bażi ghax hu żamm l-oġġett u ma ddepożitahx kif imiss taħt l-Awtorita` tal-Qorti.

Il-prinċipju mhux assolut u jvarja minn każ għall-ieħor.[6] Għal dan l-argument twieġeb tajjeb is-sentenza tal-Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran (**Vol L.ii.323**) b'dawn il-kliem: "Dan l-argument ma jistax ireġi u d-depożitu lanqas ma kien essenzjali, għax il-konvenut mill-ewwel wera lid-ditta attrici bl-ilment tiegħu". Żied jingħad f'dak il-każ illi "l-fatt li l-konvenut sa ċertu żmien baqa' jħallas ir-rati ma kellux jittieħed bħala akkwijixxenza (App. Kumm. "**Debono vs Debattista**", 17 ta' Diċembru 1965)".[7]

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba tal-konvenut billi tiddikjara li l-makkinarju, ossija Xcentric Ripper XR 20 ma hijiex tal-kwalita` pattuwita.

2. Tilqa' t-tieni kontro-talba tal-konvenut billi tiddikjara l-bejgh tal-makkinarju msemmi rexiss.

3. Tilqa' t-tielet kontro-talba tal-konvenut billi tikkundanna lill-attur jirrifondi €23,500 ammont tal-prezz minnu riċevut.

4. Tiċħad it-talbiet tal-attur.

[6] Jason Pace vs Carmelo Borg – 09.01.2008 Qorti tal-Appell (Onor. Imħallef Philip Sciberras)

[7] iċċita in re: Engineering Services Limited vs Reuters Malta Limited –20.10.2003 Qorti tal-Appell (Onor. Imħallef Philip Sciberras)

Bl-ispejjeż kollha ta’ din il-kawża u taċ-ċedola ta' depożitu ppreżentat kontestwalment a kariku tal-attur u bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' Awwissu 2016 sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA